XEWKIJA

***MINUTI***
***KUNSILL LOKALI XEWKIJA***
***LAQGĦA NRU 417***
***IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 45***
***Il-Ġimgħa 15 ta' Ottubru, 2010***

*Il-Membri tal-Kunsill tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-6.40pm.*

| | |
|---|---|
| *Preżenti:* | *Dr. Monica Vella - Sindku* |
| | *Mr. Teddy Mizzi* |
| | *Dr. Marthese Portelli* |
| | *Mr Hubert Saliba* |
| *Skużat:* | *Mr. Joseph Vella - Viċi Sindku* |
| *Uffiċjali:* | *Mr. Ruben Cassar* |

*Intqalet it-talba.*

*Is-Segretarju nforma lill-membri preżenti li l-Viċi Sindku kien imsiefer u għalhekk mhux ser jattendi għal din il-Laqgħa. Is-Sindku nfurmat lis-Segretarju (permezz tat-telefon) li kienet se tittardja ftit. Is-Sindku qaltlu li l-laqgħa tista' tibda u talbet biex il-Minuti jkunu approvati x'ħin tkun preżenti. Il-laqgħa bdiet fis-6.50pm.*

*Peress li l-Viċi Sindku lanqas kien preżenti, il-Kunsillier Teddy Mizzi mexxa din il-laqgħa peress li huwa l-aktar Kunsillier anzjan u anke l-aktar li għandu esperjenza mill-membri preżenti.*

## 1. Quarterly Financial Report (April-Ġunju 2010)

Dan id-dokument kien tqassam minn qabel lill-membri kollha. Il-Kunsill iddiskuta u approva l-Quarterly Financial Report (April-Ġunju 2010) unanimament.

## 2. Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa

**Mill-Korrispondenza**

i. Is-Surmast tal-Iskola Primarja tax-Xewkija talab l-għajnuna tal-Kunsill biex it-taraġ li hemm madwar il-ground jinżebagħ u b'hekk jagħti dehra isbaħ lill-iskola. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu stima tal-ispejjeż involuti.

ii. Is-Sur Guido Zammit (ETC) informa lill-Kunsill li Derek Vella li qed jipparteċipa fl-iskema tal-ETC se jiġġeddidlu ż-żmien b'sitt xhur oħra. Il-Kunsill qabel li jaċċetta li Derek Vella jibqa' jaħdem mal-Kunsill Lokali tax-Xewkija.

iii. F'żewġ ittri separati l-Kunsilliera Marthese Portelli nfurmat lill-Kunsill bir-raġunijiet għalfejn ma kienitx attendiet għal-laqgħat tal-Kunsill tat-2 ta' Awwissu u tal-10 ta' Settembru 2010. Għal-laqgħa tat-2 ta' Awwissu li kienet imsejħa b'urġenza mis-Sindku, il-Kunsilliera Portelli nfurmat lill-Kunsill li ma kienx possibbli għaliha li tieħu 'leave at short notice' u li anke jkun irid jiġi approvat. Dwar il-laqgħa tal-10 ta' Settembru, il-Kunsilliera Portelli qalet li dak in-nhar kellha lit-tifel marid u ma kellix ma min tista' tħalli lit-tifel. Il-Kunsill qabel li r-raġunijiet imsemmija mill-Kunsilliera Marthese Portelli għalfejn ma attendietx dawn il-laqgħat huma raġunijiet validi. L-ittri qed jiġu annessi ma' dawn il-Minuti.

iv. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li għall-attivitajiet sportivi li qed norganizzaw (u li se niehdu fondi għalihom mill-iskemi speċjali) applikaw aktar nies mis-sena l-oħra. Dan huwa ta' inkoraġġiment għall-Kunsill biex ikompli jorganizza attivitajiet sportivi. Kelna żieda kemm għall-attivitajiet immirati għat-tfal kif ukoll għall-kbar. Gheorgi Radu, li ser ikun qed jagħmel l-Aerobics, il-General Fitness u l-Schools on the Move ġab kwotazzjonijiet biex jinxtara materjal biex jintuża waqt dawn is-sessjonijiet. L-istimi għal 10 tapiti u materjal ieħor biex jintuża għall-Aerobics u General Fitness hija ta' €189. Stima oħra hija biex jinxtraw blalen u materjal ieħor biex jintuża mit-tfal waqt l-Schools on the Move. L-istima għal dawn l-affarijiet hija ta' €457.44. Il-Kunsill qabel li għandna nixtru dawn l-affarijiet. Il-materjal kollu li jinxtara se jinżamm fl-iskola primarja u jkun anke jista' jintuża mill-istudenti li jattendu l-iskola primarja tax-Xewkija.

v. George Abdilla f'isem il-Malta Motorsport Federation informa lill-Kunsill dwar attivita li ser issir f'Għawdex fit-tielet ġimgħa ta' Novembru. Peress li din l-attivita, ħafna minnha ser issir fit-toroq tax-Xewkija, huwa qed jistieden lis-Sindku biex tattendi għal-laqgħa li ser issir il-Ministeru Għal Għawdex nhar l-Erbgħa 20 ta' Ottubru fit-3.00pm. Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandha tattendi għal din il-laqgħa b'hekk ikolna aktar informazzjoni dwar din l-attivita.

vi. Permezz ta' Memo 128/2010 l-Assistent Direttur Cleavon Vella nforma lill-Kunsilli Lokali dwar taħriġ li ser isir għal-librara. Huwa qed jitlob lill-Kunsilli biex iħallsu l-ispejjeż involuti biex il-librara tkun tista' tattendi dan il-kors. Il-Kunsill qabel li l-librara tax-Xewkija għandha tattendi għal dan it-taħriġ u l-ispejjeż jitħallsu mill-Kunsill.

vii. Is-Surmast tal-Iskola Primarja nforma lill-Kunsill dwar possibilta li jinkiteb ktieb dwar ix-Xewkija li jkun aktar adattat għat-tfal. Huwa qal li kellu kuntatti ma' Dr Raymond Xerri li għamel proġett simili f'irħula oħra. Il-Kunsill qabel li nitolbu lis-Surmast sabiex jibgħatilna ktieb milli diġa ppubblika Dr Xerri għall-irħula oħra u b'hekk il-Kunsill ikun jista' jara, jiddiskuti u jiddeċiedi jekk għandux isir wieħed għax-Xewkija.

*F'dan il-ħin tal-laqgħa, is-7.15pm, daħlet fil-kamra tal-Laqgħat is-Sindku u għalhekk kompliet tmexxi l-laqgħa.*

viii. Transport Malta infurmaw lill-Kunsill dwar applikazzjoni ta' Ms Iris Dix biex fi Triq Ċanga jsir Reserved Parking. Il-Kunsill ġie mitlub biex jimla formola u fost affarijiet oħra għandu jgħid jekk il-kundizzjoni ta' Iris hiex severa jew le. Il-Kunsill qabel li

huwa mhux kompetenti f'dan il-qasam u għalhekk għandhom ikunu l-awtoritajiet konċernati li jwieġbu dawn il-mistoqsijiet. Il-Kunsill qabel li ma jsib ebda oġġezzjoni biex isir Reserved Parking sakemm dan ma jkunx ta' problema għat-traffiku peress li Triq Ċanga hija triq dejqa.

ix. Transport Malta approva biex il-parking ta' Triq Arc Ciantar (wara l-Knisja) jinbidel skond kif kien talab il-Kunsill. Il-Kunsill reġa' ddiskuta dwar dawn peress li l-Kunsillier Teddy Mizzi qal li ma jaqbilx li għandhom jiġu kif inhu propost. Il-Kunsill qabel li għalissa għandhom jibqgħu kif inhuma u ngħidu lill-Perit Saliba biex jagħmel pjanta ġdida fejn jagħmel proposta ġdida dwar kif jista' jiġi l-parking bays ta' Triq Arc. Ciantar.

**3. Minuti**

*Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 416 kienu tqassmu qabel u għalhekk ġew mgħoddija bħala moqrija u ġew approvati unanimament.*

**Mill-Minuti**

i. **Minuti 416, paġna 1 par. 2 :-** F'dan il-ħin kien hawn preżenti Ġannina Farrugia. Is-Sindku staqsiet jekk irċevejnix risposta minn għand id-Dipartiment tal-Artijiet dwar jekk l-art fejn hemm il-Bring in Sites fi Triq Rotunda hijiex privata jew le. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li huwa kien ċempel lid-Dipartiment tal-Artijiet u qalulu li l-art in kwistjoni hija 'out of registration area' u fejn ma hemmx bini f'din it-triq, l-art tkun għadha ma ġietx expropriated u għalhekk tkun għadha privata. Il-Kunsilliera Marthese Portelli qalet li hija wkoll kienet iċċekkjat dwar dan u ħadet l-istess risposta. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li huwa kien bagħat ukoll ittra lid-Dipartiment tal-Artijiet iżda għadna ma rċevejna l-ebda risposta. Is-Sindku qalet li jekk jinstab post alternattiv fejn jitpoġġew dawn il-Bring in Sites, hi ma ssib ebda oġġezzjoni li jitneħħew biex jitpoġġew fis-sit il-ġdid. Is-Sindku qalet li bħala Kunsill għandna nżidu l-Bring in Sites biex aktar skart jiġi separat. Dan għar-raġuni wkoll li aktar ma jkolna skart imħallat, il-Kunsill aktar ser ikollu iħallas bħala 'tipping fees'.

Il-Kunsilliera Marthese Portelli ssuġġeriet li nagħtu żmien biex insibu post alternattiv u jekk ma jinstabx xorta jitneħħew minn Triq Rotunda. Ġannina qalet li m'għandhomx jitħallew ħafna żmien u għandhom jitneħħew sal-bidu ta' Novembru.

Il-Kunsill qabel li għandna nsibu post alternattiv fejn jitpoġġew il-Bring in Sites biex sal-5 ta' Novembru jitneħħew minn Triq Rotunda. Il-Kunsill qabel li anke jekk ma jinstabx post alternattiv dawn il-Bring in Sites għandhom jitneħħew minn Triq Rotunda peress li qegħdin fuq art privata.

ii. **Minuti 416, paġna 2 par. 4 :-** F'dan il-ħin kien hawn preżenti Mary Attard. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li hija kienet marret fi Triq Ħġejjeġ fejn il-Ġnien Ta' Blankas u qalet li fl-opinjoni tagħha l-Bring in Sites li hemm fi Triq Torri Tingi jistgħu jitpoġġew hemm. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment u għalhekk il-Greenpak se jiġu nfurmati biex jagħmlu x-xogħol meħtieġ. B'hekk ser tissolva l-problema dwar l-

ilmenti li l-Kunsill kien qed jirċievi dwar dawn il-Bring in Sites. Mary Attard irringrazzjat lill-Kunsill li kien qed jieħu din l-azzjoni għal raġunijiet ta' saħħa speċjalment tat-tifel tagħha.

**4. Offerta dwar Tindif u Manutenzjoni ta' Latrina Pubblika**

Għal din l-offerta, fil-kaxxa tal-Offerti sal-ħin tal-egħluq intefgħu tlett offerti li huma ta' Jeffrey Farrugia f'isem Xewkija Tigers FC (€4500), ta' Saviour Cilia (€4800) u ta' Eugene Bajada (€7000). Il-Kunsill beda jiddiskuti din l-offerta.

*F'dan il-ħin, it-8.10pm, is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li ma segħtetx tkompli tattendi għal din il-laqgħa u għalhekk ħarġet mill-Uffiċċju tal-Kunsill. Il-Kunsillier Teddy Mizzi kompla jmexxi l-laqgħa.*

Il-Kunsill qabel li din l-offerta tkompli tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss meta jkun hawn is-Sindku preżenti.

**5. Offerta dwar Resurfacing of Roads – Skema P.P.P.**

Għal din l-offerta, fil-kaxxa tal-Offerti sal-ħin tal-egħluq intefgħu żewġ offerti li huma ta' Gatt Tarmac Ltd (€579,181) u ta' Road Constructions Co Ltd (€584,271.10).

Il-Kunsill qabel li din l-offerta għandha tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss meta jkun hawn is-Sindku preżenti.

**6. Mill-Korrispondenza (ikompli ma' paragrafu 2)**

x. Kurt Scerri minn Greenpak informa lill-Kunsill dwar kampanja edukattiva li tista' isssir l-iskola mal-istudenti tal-primarja dwar l-iskart riċikabbli. Il-Kunsill qabel li għandna nikkordinaw biex din il-kampanja ssir matul ix-xahar ta' Novembru u b'hekk tkun waħda mill-attivitajiet fl-okkażjoni ta' Jum ix-Xewkija.

xi. Maria Mallia mill-Wasteserv Malta Ltd infurmat lill-Kunsilli dwar il-European Week for Waste Reduction. Il-Kunsilli huma mħeġġa biex jipparteċipaw f'din il-kampanja. Il-proposti tal-membri tal-Kunsill għandhom jaslu għand is-Segretarju Eżekuttiv biex tkun tista' ssir l-applikazzjoni tal-Kunsill biex jieħu sehem f'din il-kampanja.

xii. Il-Perit Saliba għadda kopja tal-pjanta dwar il-latrina pubblika ta' Pjazza San Ġwann Battista. Il-Kunsill qabel li l-emendi għall-pjanta saru kif kien talab il-Kunsill u għalhekk il-Perit jista' jipproċedi bl-applikazzjoni mal-MEPA.

xiii. Deborah Pace mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali nfurmat lill-Kunsilli Lokali dwar attivitajiet b'risq il-Malta Community Chest Fund. Il-Kunsilli huma mħeġġa biex jorganizzaw attivitajiet biex jinġabru flus u jingħataw lil Malta Community Chest Fund. Il-Kunsill qabel li kull min għandu xi proposta għandu jgħaddiha lis-Segretarju Eżekuttiv biex nikkordinaw u norganizzaw xi attivita.

xiv. Evelyn Bonnici mix-Xewkija, infurmat lill-Kunsill li t-tifla tagħha Sarah, ġiet magħżula biex tkun waħda mill-backing vocals u anke tiżfen waqt il-kanzunetta rebbieħa li se tirrappreżenta lil Malta fil-Junior Eurosong li ser isir fil-Belarus. Hija qed titlob l-għajnuna tal-Kunsill biex Sarah tkun tista' tieħu sehem. Il-Kunsill qabel li għandna ngħinu lil Sarah u għalhekk se nistiednuha biex tkanta/tiżfen fl-attivitajiet li jorganizza l-Kunsill fosthom fl-attivitajiet ta' Jum ix-Xewkija.

xv. Il-Kunsill irċieva ċekk ta' €238.11 bħala parti mill-bejgħ bis-subbasta ta' proprjeta ta' Charles Cordina. Dan b'konnessjoni tal-kawza li l-Kunsill kellu mal-istess Charles Cordina peress li kellu jagħti flus lill-Kunsill dwar il-Gozo Beer Festival li kien organizzat fis-sena 2007.

xvi. Is-Surmast tal-Iskola Primarja tax-Xewkija nforma lill-Kunsill li nhar it-Tlieta 19 ta' Ottubru ser iżur l-iskola l-President ta' Malta. Huwa stieden lis-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera biex ikunu preżenti waqt iż-żjara tal-President l-E.T. Dr George Abela.

xvii. Id-Direttur tad-Dipartiment Għall-Gvern Lokali, is-Sur Martin Bugelli, informa lill-Kunsill li mill-iskema Lifelong Learning se ningħataw is-somma ta' €397.

xviii. Djaknu Trevor Sultana f'isem l-Arċ. Mons Carmelo Mercieca talab l-għajnuna tal-Kunsill biex jittella' dramm fiċ-Ċentru Parrokkjali. Il-Kunsill qabel li għandna norganizzaw din l-attivita flimkien.

**7. Il-Kunsill approva li jsiru l-ħlasijiet kif imniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 6-32**

**8. Tiġdid ta' Kuntratt**

**Kuntratt għat-Tindif u Manutenzjoni ta' Latrina Pubblika (Pjazza San Ġwann Battista)**:- Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li l-kuntratt dwar tindif u manutenzjoni tal-latrina pubblika tal-Pjazza San Ġwann Battista u li qed jinħadem mid-Dipartiment Għall-Proġetti u Żvilupp għalaq fit-30 ta' Settembru 2010. Il-Kunsill qabel li għandna nġeddu dan il-kuntratt għal sena oħra u għalhekk ser ikun jagħlaq fit-30 ta' Settembru 2011. Id-Dipartiment Għall-Proġetti u Żvilupp se jiġi nfurmat b'din id-deċiżjoni.

**9. Kwotazzjoni dwar 'Patching Reinstatement' ta' servizzi tal-ilma**

L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma waslu fi ftehim dwar ir-reinstatement tat-toroq meta l-Korporazzjoni tagħmel xogħlijiet ta' tiswija fis-servizzi tagħha ta' taħt l-art. Meta issir it-tiswija ta' xi servizz taħt l-art, il-Korporazzjoni tagħmel it-temporary reinstatement u b'hekk jiġu evitati ħofor fit-toroq. Il-ftehim jinkludi li l-Kunsilli Lokali jridu iqabdu kuntrattur biex ineħħi t-temporary reinstatement u jagħmlu l-permanent reinstatement bil-hot asphalt. Wara li jkun sar il-permanent reinstatement, il-Korporazzjoni tivverifika li dan ix-xogħol ikun sar u tħallas lill-Kunsill partikulari €50 għal kull tiswija li tkun saret. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandna noħorġu sejħa għall-kwotazzjonijiet biex nibdew nagħmlu l-permanent reinstatement.

**10. Jum ix-Xewkija**

Il-Kunsill iddiskuta dwar l-attivitajiet ta' Jum ix-Xewkija. Il-Kunsill qabel li għandna norganizzaw il-Premju Ġieħ ix-Xewkija u għalhekk ser isiru l-avviżi meħtieġa. Il-Kunsillier Teddy Mizzi ppropona sabiex issir shield bl-ismijiet kollha ta' dawk li ħadu dan il-premju fis-snin l-imgħoddija u jiżdied l-isem tar-rebbieħ ta' kull sena. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk il-Kunsillier Mizzi se jieħu ħsieb biex din is-shield tkun tista' ssir.

Il-Kunsill qabel li norganizzaw il-kompetizzjoni tal-komponimenti għat-tfal tal-primajra kif ukoll norganizzaw il-kampanja tal-Ktieb Teżor. Il-Kunsill qabel li għandna nikkuntattjaw lil Xewkijta Tigers FC (Nursery) biex norganizzaw festival ta' football għat-tfal.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li s-Segretarju ta' Banda Prekursur, is-Sur Carmel Attard kien qallu li għall-programm mużikali ta' Jum ix-Xewkija qed jitolbu l-ħlas ta' €900. Is-Sur Attard qal ukoll li huwa kien tkellem mas-Sindku fejn issuġġerilha biex il-Kunsill jippreżenta standard lill-Banda Prekursur. Huwa qal li tkun okkażjoni sabiħa jekk dan jiġi preżentat fl-attivita ta' Jum ix-Xewkija. Il-Kunsill qabel li deċiżjoni dwar dawn għandom jittieħdu fil-laqgħa li jmiss meta jkun hawn is-Sindku preżenti. Sadanittant il-Kunsill qabel li għandna nitolbu lill-Banda Prekursur biex jagħtuna s-siltiet mużikali li ser idoqqu fil-programm ta' Jum ix-Xewkija.

Il-Kunsillier Hubert Saliba ppropona li norganizzaw il-wirja tal-għasafar matul ix-xahar ta' Novembru. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk il-Kunsillier Saliba se jikkordina biex din il-wirja tkun tista' ssir.

## 11. Materja oħra

i. Carmel Grima ta' 28, Vjal il-Labour talab biex titranġa l-bankina tiegħu bis-siment peress li tinsab fi stat ħażin. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

ii. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li fit-28 ta' Settembru kien attenda laqgħa tal-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq fejn ġew approvati l-ismijiet il-ġodda :- Trejqa tal-Barrieri u Triq il-Bir tal-Franċiżi.

iii. Paul Saliba lmenta dwar Triq San Zakkarija (fejn il-Knisja) peress li parti mit-triq niżlet u ġiet ħofra. Il-Kunsill qabel li għandna ngħidu lill-Perit Saliba biex javżana x'jista' jsir biex titranġa.

iv. Dorothy Buttigieg mill-Qala, ppropooniet sabiex issir pedestrian crossing fi Triq Mġarr fejn hemm l-uffiċċji tal-ETC u CMU. Il-Kunsill qabel li ngħaddu dan is-suġġeriment lil Transport Malta.

v. Alfred Spiteri li joqgħod fl-inħawi Ta' Lambert, talab lill-Kunsill sabiex l-istess triq tiġi livellata peress li tinsab fi stat ħażin. Il-Kunsill qabel li nordnaw dan ix-xogħol għand l-MSD.

vi. Joseph Hili ta' Triq il-Knisja ppropona sabiex fi Triq il-Knijsa kantuniera mal-Pjazza San Ġwann Battista jsir water culvert biex l-ilma tax-xita u anke ilma li jintefa' minn naħa ta' fuq tal-Pjazza (mill-każin tal-football/ċentru parrokjali/residenti) jibqa' niżel

lejn Triq Indipendenza u mhux jaqleb lejn Triq il-Knisja. Il-Kunsill qabel li din il-problema tkun tista' tissolva meta jsir il-proġett ta' refurbishment tal-Pjazza u għalhekk ma' qabilx li għandu jsir dan il-water culvert. Il-Kunsill qabel ukoll li biex isir water culvert, dan irid jibqa' niżel sa Triq Mgarr u għalhekk jinvolvi spejjeż kbar u l-Kunsill m'għandux il-fondi meħtieġa.

vii. Monica Mercieca (Librara) informat lill-Kunsill li ftit jiem ilu s-Sur George Borg żar il-Librerija tax-Xewkija. Peress li ma baqax xkaffar fejn jitpoġġew kotba ġodda ġie suġġerit li jsir xkaffar ġdid. Is-Sur Borg faħħar il-mod kif qed tinżamm il-Librerija u l-inizjattivi tal-Kunsill fejn qal li l-Kunsill tax-Xewkija huwa wieħed mill-aktar li qed jixtri kotba ġodda għal-librerija. Il-Kunsill qabel li għandna niġbru stima biex isir aktar xkaffar u b'hekk ikun hemm aktar spazju fejn jitpoġġew il-kotba ġodda.

viii. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li Mary Louise Bajada kienet qaltlu li hija nteressata li torganizza korsijiet tal-Embroidery fix-Xewkija. Il-Kunsill qabel li jekk is-Surmast tal-iskola jislifna kamra, dawn il-korsijiet inkunu nistgħu norganizzawhom. Għalhekk ser isiru l-kuntatti meħtieġa u jekk ikun possibbli li jsiru, nagħmlu l-avviżi.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.00pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ġimgħa 5 ta' Novembru, 2010 fis-6.30pm.

Ruben Cassar<br>Segretarju Eżekuttiv

Av. Monica Vella<br>Sindku

XEWKIJA

## Skeda ta' Pagamenti

Data: 15.10.2010 Nru: 6-32

| Nru | Deskrizzjoni | Isem/Kuntrattur | Ammont (Euro) | Ċekk Nru |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Petty Cash - Awissu 2010 | Cash | 122.21 | 8250 |
| 2 | Kont tal-Arloġġ tal-Pjazza | Arms Ltd. | 101.24 | 8251 |
| 3 | Trofej - Sports Day 2010 | John Grima | 72.50 | 8252 |
| 4 | Laqgħa tas-Sindki | Assoċċjazzjoni Kunsilli L | 2.20 | 8253 |
| 5 | Petty Cash Settembru 2010 | Cash | 103.40 | 8254 |
| 6 | Re Patching of WSC trinka (Advert) | D.O.I. | 9.32 | 8255 |
| 7 | Għar ix-Xiħ/Loġġa Excav.- Lodging | Rev. C.G. Farrugia | 5372.96 | 8256 |
| 8 | Servizz Librerija Settembru 2010 | Librara | 211.34 | 8257 |
| 9 | Servizz Librerija Awissu 2010 | Librara | 256.52 | 8258 |
| 10 | Ritratti - Wirja/Ħuġġieġa | John Apap | 85.00 | 8259 |
| 11 | Website update/DVD servizz | Philip Cassar | 165.00 | 8260 |
| 12 | P.A. System - Wirja annimali | DJ Mario | 100.00 | 8261 |
| 13 | Refill etc. | Island Tech | 103.00 | 8262 |
| 14 | Survey & preparation map | Perit John Saliba | 100.00 | 8263 |
| 15 | Administration & Submission fee | Galea Curmi Eng. Cons. Ltd. | 27.48 | 8264 |
| 16 | Contract Manger Fees Sett '10 | Galea Curmi Eng. Cons. Ltd. | 88.40 | 8265 |
| 17 | Annual fee | Data Protection Commission | 23.29 | 8266 |
| 18 | Kotba | Uffiċċju Djoċesan | 30.00 | 8267 |
| 19 | Kiri ta' Trakk u ħaddiema | Joseph Magro | 277.94 | 8268 |
| 20 | Servizz tindif Settembru 2010 | Xewkija Tigers F.C. | 923.81 | 8269 |
| 21 | Servizz Refuse Collection Sett '10 | K.I.P. Għawdex Ltd. | 2602.61 | 8270 |
| 22 | Sinjali tat-traffiku | Refalo Signs | 259.60 | 8271 |
| 23 | Tindif Settembru 2010 | Publia Xerri | 50.00 | 8272 |
| 24 | Tindif Settembru 2010 | Pauline Xerri | 50.00 | 8273 |
| 25 | Stationery | Office Club | 40.25 | 8274 |
| 26 | Żebgħa | Reno's Ironmongery | 6.43 | 8275 |
| 27 | Dawl fuq il-koppla | Charlie Attard | 200.00 | 8276 |
| 28 | Mirji tat-traffiku | Guillamier Ltd. | 115.45 | 8277 |
| 29 | Bulky Refuse Lulju-Settembru 2010 | Joseph Attard | 168.09 | 8278 |
| 30 | Użu tal-klassijiet u sala (korsijiet) | Gozo College Xewkija P. | 325.00 | 8279 |
| 31 | Servizz Awissu/Settembru 2010 | Accountant Public Clean. | 555.95 | 8280 |
| 32 | Servizz Triq tal-Ħamrija | Guard & Warden Service Hse | 107.85 | 8281 |
| 33 | Ħriet u fuel - Ottubru 2010 | Mario Zammit | 165.00 | 8282 |
| 34 | Kotba - Jum ix-Xewkija | Mons Anton Gauci | 180.00 | 8283 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 35 | Kont tat-telefon | Go PLC | 193.34 | 8284 |
| 36 | Connectivity Ottubru/Diċembru | M.I.T.A. | 416.85 | 8285 |
| 37 | Salarju Ottubru 2010 | Segretarju Eżekuttiv | 1460.28 | 8286 |
| 38 | Salarju Ottubru 2010 | Assistant Principal | 1157.48 | 8287 |
| 39 | Cancelled | | | 8288 |
| 40 | Taxxa u Bolla Ottubru 2010 | C.I.R. | 1028.33 | 8289 |
| 41 | Mayors' Allowances Ottubru 2010 | Sindku | 411.33 | 8290 |
| 42 | Flyers (School on the move etc.) | J De Bono Printing Ltd. | 43.50 | 8291 |
| 43 | Żebgħa | Reno's Ironmongery | 27.75 | 8292 |
| 44 | Żebgħa | Hilite | 44.96 | 8293 |
| | | **Total €** | **17785.66** | |

Segretarju Eżekuttiv Sindku V. Sindku/Kunsillier

Approvati fil-Laqgħa tal-Kunsill 417